Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

21 ta' Lulju, 1998

ATT Nru. XX ta' l-1998

ATT biex jagħti seħħ lil ċerti liġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-avjazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

PRELIMINARI

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 dwar is-Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili. Titolu fil-qosor.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, l-espressjonijiet li ġejjin għandhom rispettivament it-tifsir li ġej, jiġifieri: Tifsir.

"ajruplan" tfisser kull inġenji ta' l-ajru, sew jekk ikun inġenji ta' l-ajru taħt kontroll Malti sew jekk le, li ma jkunx -

(a) ajruplan militari; jew

(b) ajruplan, li ma jkunx ajruplan militari, li jkun jappartjeni lill-Gvern ta' Malta jew li jkun esklussivament

imħaddem fis-servizz tal-Gvern ta' Malta għal skopijiet ta' dwana jew pulizija,

iżda l-Ministru jista' b'ordni, li jista' jinbidel jew jiġi revokat b'ordni sussegwenti, jipprovdi li kull dispożizzjoni ta' dan l-Att tkun tapplika b'modifikazzjonijiet jew mingħajrhom għal ajruplani bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu (b) ta' din it-tifsira;

"ajruport" tfisser kull area ta' art jew medda ilma magħmula, mgħammra, riservata jew soltu użata sabiex tipprovdi faċilitajiet għat-tlugħ jew għall-inżul ta' ajruplani, u tinkludi terminal tal-passiġġieri ta' l-ajru, terminal tat-tagħbija li tinġarr fl-ajru u maħżen għat-tagħbija li tinġarr fl-ajru kif ukoll kull art u faċilità pertinenti għal ajruport;

"stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru" tfisser kull bini, xogħlijiet, apparat jew tagħmir li jintuża kollu kemm hu jew prinċipalment bil-għan li jagħti għajnuna fil-kontroll tat-traffiku fl-ajru jew bħala għajnuna għan-navigazzjoni fl-ajru, flimkien ma' kull medda art li tkun kontigwa jew biswit dawk il-bini, xogħlijiet, apparat jew tagħmir u li tintuża kollha kemm hi jew prinċipalment għal għanijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan;

"oġġett" tinkludi kull sustanza, sew f'għamla solida jew likwida jew fl-għamla ta' gass jew fwar;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna li tkun awtorizzata mill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport, jew li tkun awtorizzata mill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport bil-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, jew tad-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Ċivili, jew taċ-*Chairman* ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li jwettaq id-dmirijiet ta' gwardja tas-sigurtà f'żona ristretta;

"kmandant" b'riferenza għal ajruplan tfisser il-membru ta' l-ekwipaġġ maħtur bħala kmandant ta' dak l-ajruplan mill-operatur tiegħu, jew, jekk ma tkunx dik il-persuna, il-persuna li dak il-ħin tkun il-pilota fi kmand ta' l-ajruplan;

"esplożiv" għandha l-istess tifsira bħalma tinsab fl-artikolu
Kap. 9. 314 tal-Kodiċi Kriminali;

"armi tan-nar" għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-
Kap. 66. Ordinanza dwar l-Armi;

"Uffiċjal ta' l-Immigrazzjoni" tfisser l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"telf jew ħsara", dwar persuni, għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili; Kap. 232.

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Manager", b'riferenza għal ajruport, tfisser dawk il-persuni li jkunu legalment responsabbli għall-organizzazzjonijiet li jkunu qed imexxu l-operazzjonijiet ta' passiġġieri fl-ajruport u tat-terminal tat-tagħbija, u ta' l-operazzjonijiet fuq l-*airside;*

"*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport" tfisser dak l-uffiċjal pubbliku li jinħatar mill-Ministru biex ikun responsabbli għat-tmexxija b'mod ġenerali u għall-kontroll tas-sigurtà fl-avjazzjoni f'ajruporti speċifiċi u tinkludi kull uffiċjal pubbliku fid-dipartiment tiegħu li hekk jinħatar minnu għall-għanijiet ta' dan l-Att;

"ajruplan militari" tfisser ajruplan tal-forzi navali, militari jew ta' l-ajru ta' kull pajjiż;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-sigurtà fl-avjazzjoni u, fil-limitu ta' l-awtorità mogħtija, kull persuna li tiġi awtorizzata għaldaqshekk minn dak il-Ministru;

"operatur" b'riferenza għal ajruplan f'kull waqt għandha l-istess tifsira bħalma għandha fl-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili; Kap. 232.

"vettura bil-mutur" tfisser kull għamla ta' vettura mħaddma b'qawwa mekkanika jew elettrika;

"pilota fi kmand" b'riferenza għal ajruplan tfisser persuna li dak il-ħin tkun inkarigata biex tippilota l-ajruplan mingħajr ma tkun taħt ordni ta' xi pilota ieħor fuq l-ajruplan;

"uffiċjal tal-Pulizija" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha fl-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta; Kap. 164.

"proprjetà" tinkludi kull medda art, bini jew xogħlijiet, kull ajruplan jew vettura u kull valiġġa, tagħbija jew oġġett ieħor ta' liema għamla jkun;

"żona ristretta" tfisser area li d-dħul għaliha jista' biss isir jekk ikun hemm l-awtorizzazzjoni tal-*Manager* tas-Sigurtà fl-

Ajruport kif jista' jiġi hekk preskritt b'regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.

TAQSIMA II

KONTROLL TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

Regolamenti u ordnijiet.

3. (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jew b'ordni jipprovdi kif jidhirlu meħtieġ jew spedjenti:

(a) biex jippreskrivi jew jipprovdi dwar kull ħaġa li tolqot is-sigurtà fl-avjazzjoni li għandha jew tista' tiġi preskritta bis-saħħa ta' dan l-Att;

(b) b'mod ġenerali biex jiżgura l-ħarsien ta' l-ajruplani u tal-persuni u l-proprjetà li jinġarru fihom, u għad-detenzjoni ta' ajruplani għal xi għan minn dawk speċifikati f'dan il-paragrafu;

(ċ) biex inaqqas jew jevita interferenza ma' l-użu jew l-effettività ta' apparat li jiġi użat f'dak li għandu x'jaqsam man-navigazzjoni bl-ajru;

(d) b'mod ġenerali sabiex jikkontrolla s-sigurtà f'kull ajruport li jinsab Malta;

(e) biex jistabbilixxi x'ikunu d-drittijiet li jitħallsu minn *managers* ta' ajruporti, operaturi tal-ajruplani, aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru u passiġġieri dwar l-għoti ta' servizzi tas-sigurtà f'kull ajruport li jinsab Malta.

(f) biex jaħtar lill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport b'responsabbiltà sħiħa għat-tmexxija u kontroll tas-sigurtà fl-avjazzjoni u għall-kmand, ko-ordinament u sorveljar tar-riżorsi kollha ta' sigurtà li jkunu provduti fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa jew ta' kull ajruport ieħor stabbilit li jkun jinsab Malta.

(2) Dawk ir-regolamenti li jsiru taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jista' jkun fihom dawk id-dispożizzjonijiet inċidentali u supplimentari li l-Ministru jkunu jidhrulu li jkunu meħtieġa jew spedjenti għall-għanijiet tar-regolamenti.

Setgħa tal-Ministru li jitlob informazzjoni.

4. (1) Il-Ministru jista', b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lil min ikun:

(a) operatur ta' xi ajruplan jew ajruplani reġistrati jew li jitħaddmu f'Malta, jew

(b) aġent ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru li jaħdem f'Malta, jew

(ċ) *manager* ta' ajruport li jinsab Malta,

jitlob lil dik il-persuna tgħarraf lill-Ministru bil-miżuri, li jkunu ta' dik l-għamla li tiġi hekk speċifikata fl-avviż, li jkunu qegħdin jittieħdu dwar ajruplani reġistrati jew li jitħaddmu f'Malta li huwa jkun l-operatur tagħhom jew dwar dak l-ajruport, skond il-każ, għall-għanijiet li dwarhom tapplika din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(2) Avviż li jingħata taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jispeċifika data (li ma tkunx aktar kmieni minn erba' ġimgħat mid-data tan-notifika ta' l-avviż) sa meta l-informazzjoni meħtieġa bl-avviż skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tingħata lill-Ministru.

(3) Kull avviż bħal dak għandu wkoll jeħtieġ li min jiġi notifikat bih, wara li jkun wassal lill-Ministru l-informazzjoni meħtieġa bl-avviż skond id-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandu jgħarraf lill-Ministru jekk jiġri li:

(a) jittieħdu xi miżuri ulterjuri dwar ajruplani reġistrati jew li jitħaddmu f'Malta li f'dak il-waqt huwa jkun l-operatur tagħhom, jew dwar l-ajruport li dwaru jkun wassal dik l-informazzjoni, skond il-każ, għall-għanijiet li dwarhom tapplika din it-Taqsima ta' dan l-Att, sew:

(i) b'tibdil, jew b'żieda, mal-miżuri speċifikati f'kull informazzjoni li huwa qabel ikun wassal skond dan l-artikolu, sew

(ii) bl-applikazzjoni ta' xi miżuri li jiġu hekk speċifikati għal ajruplani, jew għal xi parti mill-ajruport, li ma jkunux ġew inklużi fl-informazzjoni mwassla qabel;

jew

(b) jitwaqqfu xi miżuri li jkunu ttieħdu bil-mod kif imsemmi f'dak is-subartikolu jew fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu.

(4) Fil-qies li dak l-avviż ikun jeħtieġ li tingħata iktar informazzjoni lill-Ministru skond ma hemm fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dan għandu jeħtieġ li dik l-informazzjoni titwassallu qabel it-tmiem ta' dak iż-żmien, li ma jkunx anqas

minn sebat ijiem mid-data minn meta jittieħdu dawk il-miżuri ulterjuri, hekk kif jiġi speċifikat fl-avviż għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, u meta dawk il-miżuri jkun ser jitwaqqfu, qabel ma dawn jitwaqqfu.

(5) Kull min:

(a) jirrifjuta jew, mingħajr kawża raġonevoli, jonqos milli jħares ma' xi ħtieġa li tiġi imposta fuqu permezz ta' avviż mogħti taħt dan l-artikolu, jew

(b) fl-għoti ta' xi informazzjoni hekk meħtieġa, jagħmel dikjarazzjoni li jkun jaf li tkun sostanzjalment falza, jew b'nuqqas ta' kont jagħmel dikjarazzjoni li tkun sostanzjalment falza,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Avviż li jkun ġie notifikat lil persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' f'kull żmien jiġi revokat b'avviż ieħor li jiġi lilu notifikat mill-Ministru.

Kumitat dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni.

5. (1) Għandu jitwaqqaf kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejjaħ "il-Kumitat") li jkun kompost minn dawk il-membri li jiġu maħtura mill-Prim Ministru u li jintagħżlu minn fost uffiċjali pubbliċi li jkollhom kariga għolja u li jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet fil-ministeri responsabbli mill-materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-avjazzjoni u ajruportijiet kif ukoll minn fost impjegati li jkunu jokkupaw kariga għolja fl-organizzazzjonijiet l-oħra li jkollhom sehem ewlieni fl-immaniġġjar, tmexxija u kontroll ta' l-avjazzjoni u ajruportijiet f'Malta:

Iżda l-Prim Ministru jista' jaħtar persuni oħra bħala membri tal-Kumitat li fil-fehma tiegħu ikollhom l-esperjenza u jkunu wrew ħila fi ħwejjeġ relatati mas-sigurtà fl-avjazzjoni u fl-ajruportijiet.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ikun id-dmir tal-Kumitat b'mod ġenerali li jikkonsidra u jagħti pariri lill-Gvern u lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-materji kollha relatati mas-sigurtà fl-ajruportijiet u fuq l-ajruplani, u b'mod partikolari biex jagħti parir lill-Ministru –

(a) dwar l-iżvilupp, żamma u promozzjoni ta' sistemi effiċjenti ta' sigurtà fl-ajruportijiet u fuq l-ajruplani; u

(b) dwar l-iżvilupp u deċiżjoni ta' strateġiji u *policies* meħtieġa biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

(3) Il-Ministru responsabbli mis-Sigurtà fl-Avjazzjoni jkun iċ-*Chairman* tal-Kumitat, u s-Segretarju Permanenti responsabbli għall-Affarijiet Interni ikun id-*Deputy Chairman;* il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Forzi Armati u l-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport ikunu membri *ex officio.*

(4) Il-membri maħtura jibqgħu f'dik il-kariga għal dak iż-żmien, li ma jkunx ta' iktar minn tliet snin, hekk kif jista' jiġi speċifikat fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(5) Meta tinqala xi vakanza fil-Kumitat matul il-perijodu ta' ħatra minħabba f'xi mewt, riżenja jew għal xi raġuni oħra, il-Prim Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr, jaħtar persuna oħra biex timla' l-vakanza:

Iżda l-Kumitat u l-membri li jagħmlu parti minnu jistgħu jaġixxu minkejja li jkun hemm dik il-vakanza.

(6) Id-*Deputy Chairman* għandu jaġixxi minflok iċ-*Chairman* kull meta ċ-*Chairman* ikun assenti minn laqgħa tal-Kumitat jew inkella ma jkunx jista' jaġixxi ta' *Chairman* għal kull raġuni li tkun.

(7) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, il-Prim Ministru jista' f'kull żmien itemm il-ħatra ta' xi membru maħtur, jekk, fil-fehma tiegħu, dak il-membru ma jibqax idoneju biex ikompli f'dik il-kariga jew ikun sar inkapaċi milli jwettaq dmirijietu sew.

(8) Il-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport għandu jagħmilha ta' segretarju tal-Kumitat.

(9) Il-Kumitat għandu jiltaqa' għal kemm-il darba jkun meħtieġ, iżda f'ebda każ inqas minn darba f'kull tliet xhur kalendarji.

(10) Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni jew it-termini ta' referenza tas-sotto-kumitati jew gruppi ta' esperti li lilhom jista' jagħti inkarigi speċjali.

(11) Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedimenti tiegħu nnifsu.

Detenzjoni ta' ajruplani.

6. Dawk ir-regolamenti u l-ordnijiet li jsiru taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jistgħu jipprovdu għad-detenzjoni ta' ajruplani sabiex jiġi żgurat it-tħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-

Att jew ta' xi regolamenti jew ordni li jsir bis-saħħa tiegħu, u jistgħu ħekk jipprovdu aktar kif il-Ministru jidhirlu meħtieġ jew spedjenti sabiex tiġi żgurata dik id-detenzjoni.

TAQSIMA III

ĦARSIEN TA' AJRUPLANI, AJRUPORTI U STALLAZZJONIJIET TA' NAVIGAZZJONI FL-AJRU MINN ATTI TA' VJOLENZA

Għanijiet li dwarhom tapplika t-Taqsima III.

7. (1) Din it-Taqsima ta' l-Att għandha l-għan li tipprovdi dwar il-ħarsien minn atti ta' vjolenza:

(a) fuq ajruplani, u fuq persuni jew proprjetà li tkun tinsab abbord xi ajruplan;

(b) fuq ajruporti, u fuq dawk il-persuni jew proprjetà li (fil-każ ta' persuni) jistgħu f'kull waqt ikunu f'xi parti ta' ajruport jew li f'kull waqt tkun (sew b'mod permanenti sew għal xi żmien) f'xi parti ta' ajruport; u

(ċ) fuq stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru li ma jagħmlux parti minn ajruport.

(2) F'din it-Taqsima ta' dan l-Att "att ta' vjolenza" tfisser kull att (sew attwali sew potenzjali, u jekk magħmul jew għad irid isir sew f'Malta sew band'oħra) li jew:

(a) jekk ikun att magħmul f'Malta, jikkostitwixxi, jew

(b) jekk ikun għad irid isir f'Malta jkun jikkostitwixxi,

ir-reati taħt l-artikoli 211, 212, 214, 216, 217, 218, 220 u 222A tal-Kodiċi Kriminali; jew xi att li bih splużjoni ta' xorta li x'aktarx tipperikola l-ħajja, jew li takkaġuna ħsara gravi fuq il-proprjetà, tiġi kawżata permezz ta' xi sustanza esplużiva, sew jekk fil-fatt tiġi jew ma tiġix kaġunata ħsara lil persuni jew lil proprjetà.

Meta s-sigurtà tiġi perikolata fl-ajruporti.

8. (1) Huwa reat li persuna permezz ta' xi strument, sustanza jew arma xjentement twettaq f'ajruport li jintuża għall-avjazzjoni ċivili xi att ta' vjolenza li:

(a) jikkaġuna jew x'aktarx jikkaġuna l-mewt jew il-feriment gravi tal-persuna, u

(b) jipperikola jew x'aktarx jipperikola t-tħaddim b'sigurezza ta' l-ajruport jew il-ħarsien ta' persuni fl-ajruport.

(2) Bla ħsara għas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, huwa wkoll reat li persuna permezz ta' xi strument, sustanza jew arma kontra l-liġi u xjentement:

(a) teqred jew tikkaġuna danni gravi:

(i) fi proprjetà użata għall-għoti ta' faċilitajiet f'ajruport li jintuża għall-avjazzjoni ċivili (inkluż kull apparat jew tagħmir illi hekk jintuża), jew

(ii) f'xi ajruplan li jkun qiegħed f'ajruport ċivili iżda li ma jkunx qiegħed jintuża b'servizz, jew

(b) li tfixkel is-servizz mogħti f'ajruport ċivili, b'tali mod li jipperikola jew x'aktarx jipperikola it-tħaddim b'sigurezza ta' l-ajruport jew il-ħarsien ta' persuni li jkunu jinsabu fl-ajruport.

(3) Ħlief kif hemm provdut fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw sew jekk att bħal dawk msemmija f'dawk is-subartikoli isir f'Malta jew band'oħra u tkun xi tkun iċ-ċittadinanza ta' min jagħmel l-att.

(4) Is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal xi att li jitwettaq b'konnessjoni ma' xi ajruplan użat f'xi servizz militari, tad-dwana jew tal-pulizija kemm-il darba:

(a) l-att isir f'Malta, jew

(b) meta l-att isir barra minn Malta, min jagħmlu jkun ċittadin Malti.

(5) Min jagħmel reat taħt dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal għomru.

(6) Għall-għanijiet ta' dan l-Att:

(a) iż-żmien li matulu ajruplan ikun qed itir għandu jitqies li jinkludi kull żmien mill-waqt meta l-bibien kollha tiegħu ta' barra jiġu magħluqa wara l-imbarkazzjoni sal-waqt meta xi wieħed minn dawk il-bibien jinfetaħ għall-iżbark, u, fil-każ ta' nżul furzat, kull żmien sakemm l-awtoritajiet kompetenti jassumu r-responsabbiltà għall-ajruplan u għall-persuni u l-proprjetà li jkunu jinsabu abbord; u

(b) ajruplan għandu jinftiehem bħala li jkun qiegħed jintuża b'servizz matul dak iż-żmien kollu li jibda bit-tħejjija ta' l-ajruplan għal titjira li ssir qabel it-titjira u li jtemm 24 siegħa wara l-inżul ta' dak l-ajruplan wara li jkun temm dik it-titjira, kif ukoll f'kull żmien (li ma jaħbatx matul dak iż-żmien) li matulu, skond il-paragrafu ta' qabel dan, l-ajruplan ikun qed iwettaq it-titjira,

u kull ħaġa li ssir abbord ajruplan filwaqt li jkun qed itir fuq xi parti minn Malta għandha titqies bħala li tkun saret f'dik il-parti ta' Malta.

(7) Il-proċedimenti għal reat taħt dan l-artikolu m'għandhomx jinbdew f'Malta ħlief bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

Dikjarazzjonijiet foloz dwar valiġġi, tagħbija, eċċ.

9. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, persuna tagħmel reat jekk, bi tweġiba għal mistoqsija li:

(a) tkun dwar xi valiġġi, tagħbija jew ħażniet (sew jekk dawn ikunu tiegħu sew ta' xi persuna oħra) li jkun jew ikunu maħsuba li jinġarru minn ajruplan li jkun reġistrat jew jitħaddem f'Malta, u

(b) isirilha għall-għanijiet li għalihom tapplika din it-Taqsima ta' dan l-Att:

(i) minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,

(ii) minn xi impjegat jew aġent ta' dik il-persuna fil-kariga tiegħu ta' impjegat jew aġent,

jew

(iii) minn uffiċjal awtorizzat,

hija tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li tkun sostanzjalment falza, jew bi traskuraġni tagħmel dikjararazzjoni li tkun sostanzjalment falza.

(2) Il-persuni msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma:

(a) *manager* ta' ajruport li jkun jinsab Malta,

(b) l-operatur ta' xi ajruplan jew iktar minn ajruplan wieħed reġistrati jew li jitħaddmu f'Malta, u

(ċ) kull min ikollu:

(i) permess li jidħol ġewwa żona ristretta ta' ajruport għall-għanijiet ta' l-attivitajiet ta' xi ħidma mwettqa minnu, u

(ii) kontroll f'dik iż-żona ristretta fuq il-valiġġi, t-tagħbija jew il-ħażniet li l-mistoqsija jkollha x'taqsam magħhom.

(3) Kull min jinsab ħati ta' reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm2,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) F'dan l-artikolu:

"tagħbija" tinkludi ħażniet u posta; u

"ħażniet" tfisser oġġetti maħsubâ għall-bejgħ jew għall-użu abbord ta' ajruplan, inklużi oġġetti li fuqhom ma jitħallasx dazju, *spare parts* u oġġetti oħra ta' tagħmir, sew jekk biex jitwaħħlu minnufih sew jekk le.

Dikjarazzjonijiet foloz dwar dokumenti ta' identità.

10. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, persuna tagħmel reat jekk:

(a) għall-għan ta' applikazzjoni, jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni, li tkun għamlet bi jew xi persuna oħra għall-ħruġ ta' dokument ta' identità li dwaru japplika dan is-subartikolu, jew

(b) f'dak li għandu x'jaqsam ma' jekk għandhiex bi jew persuna oħra tibqa' żżomm dak id-dokument li jkun diġà inħareġ,

tagħmel lil xi persuna msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, lil xi impjegat jew aġent ta' dik il-persuna jew lil uffiċjal awtorizzat, dikjarazzjoni li tkun taf li tkun sostanzjalment falza, jew bi traskuraġni tagħmel lil xi waħda minn dawk il-persuni, lil xi impjegat jew aġent bħal dawk jew lil uffiċjal awtorizzat, dikjarazzjoni li tkun sostanzjalment falza.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu japplika għal kull dokument ta' identità li jkollu jinħareġ jew li jkun inħareġ minn xi waħda mill-persuni speċifikati fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu skond dawk l-arranġamenti li jsiru bis-saħħa ta' ordni li tingħata mill-Ministru.

(3) Il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma:

(a) il-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport;

(b) il-*manager* ta' ajruport li jinsab f'Malta;

(ċ) l-awtorità responsabbli għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru li tinsab f'Malta;

(d) l-operatur ta' xi ajruplan wieħed jew iktar minn ajruplan wieħed reġistrat u li jitħaddem f'Malta, u

(e) kull min ikollu permess li jidħol ġewwa zona ristretta ta' ajruport jew ta' stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru għall-għanijiet ta' l-attivitajiet ta' xi ħidma li huwa jagħmel.

(4) Kull min jinsab ħati ta' reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm2,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Preżenza mhux awtorizzata f'żona ristretta.

11. (1) Hadd ma jista':

(a) jidħol, sew b'vettura sew mingħajrha, ġo xi parti ta' żona ristretta ta':

(i) ajruport, jew

(ii) stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru li ma jkunx jagħmel parti minn ajruport,

ħlief bil-permess tal-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport, u ta' l-awtorità responsabbli għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew ta' persuna li taġixxi f'isem dak il-*manager* jew dik l-awtorità, u skond kull kondizzjoni li bis-saħħa tagħha ikun għal dak iż-żmien inħareġ dak il-permess, jew

(b) jibqa' fuq xi parti ta' żona ristretta bħal dik wara li jkun intalab jitlaq minn hemm mill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport, jew mill-awtorità responsabbli għall-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, jew minn persuna li taġixxi f'isem dak il-*Manager* jew dik l-awtorità:

Iżda l-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jista' f'kull waqt jidħol f'xi parti minn dik iż-żona ristretta jew jibqa' hemmhekk ġewwa fiha minkejja l-oppożizzjoni ta' l-awtorità responsabbli għall-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru.

Iżda l-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jista' jippermetti vettura bil-mutur li tidħol jew li tinsaq f'żona ristretta mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tiegħu meta jkun jidhirlu li hu spedjenti li jagħmel hekk, kif suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li jista' jagħmel.

(2) Min ikun qiegħed isuq jew ikollu fiż-żamma tiegħu vettura bil-mutur li tkun hekk inħarġilha awtorizzazzjoni bil-miktub, għandu jipproduċi dik l-awtorizzazzjoni meta din tintalablu minn uffiċjal awtorizzat.

(3) Vetturi bil-mutur misjuqin f'zona ristretta għandhom jikkonformaw ruħhom ma' The Air Navigation Order, 1990, jew kull Ordni li tkun temendaha jew li tidħol minflokha.

A.L. 176 ta' l-1990.

Persuni u vetturi bil-mutur għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet tas-*security pass*.

14. (1) Kull persuna awtorizzata taħt dawn ir-regolamenti li tidħol f'żona ristretta jew li ssuq vettura bil-mutur ġewwa fiha għandha tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet hekk speċifikati fis-*security pass* jew fl-awtorizzazzjoni, kif ikun il-każ, u dawk id-direttivi kollha li uffiċjal awtorizzat jista' jagħti.

(2) Uffiċjal awtorizzat jista' jarresta u jfittex lil kull persuna jew vettura bil-mutur li jkunu f'żona ristretta jew filwaqt li jkunu deħlin jew ħerġin minn dik iż-żona.

(3) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jista' jitneħħa minn żona ristretta minn uffiċjal awtorizzat mingħajr preġudizzju għal kull proċediment kriminali li jista' jsir kontrih.

Armi u esplożivi projbiti f'żona ristretta.

15. Ebda arma jew materjal esplożiv ma jistgħu jiddaħħlu, jinżammu jew jinħarġu minn żona ristretta minn xi persuna jew f'xi vettura mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport:

Iżda dan ma japplikax għal uffiċjali awtorizzati li jkun membri tal-Forzi Armati ta' Malta jew tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u għal vetturi bil-mutur użati minnhom filwaqt li jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet leġittimi tagħhom.

Setgħat speċjali tal-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport.

16. Il-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jista', b'avviż fil-Gazzetta, jiddikjara xi parti ta' żona ristretta bħala eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew minn xi waħda minnhom, għal dak iż-żmien u skond dawk il-kundizzjonijiet kif jistgħu jiġu speċifikati f'dak l-avviż.

Reati li joħorġu mill-artikoli 11 sa 14.

17. (1) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jew (4) tal-artikolu 11, tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 12, tas-

subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn Lm1,000 iżda mhux iżjed minn Lm3,000, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 12 jew tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 13 ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm500.

(3) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15 ta' dan l-Att ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn Lm4,000 iżda mhux iżjed minn Lm8,000, jew priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li jistabbilixxu reati u pieni dwaru ma għandhomx jolqtu it-tħaddim ta' xi liġi oħra li tistabbilixxi reati u pieni dwar l-istess atti jew ommissjonijiet, u ma għandhomx, b'mod partikolari, jolqtu l-applikazzjoni ta' xi piena ogħla taħt xi liġi oħra.

Preżenza mhux awtorizzata abbord ajruplan.

18. (1) Ħadd ma jista' ħlief jekk ikollu awtorità leġittima jew skuża raġonevoli:

(a) jidħol ġewwa jew fuq ajruplan f'ajruport li jinsab Malta ħlief bil-permess ta' l-operatur ta' l-ajruplan jew ta' persuna li taġixxi f'ismu, jew

(b) jibqa' abbord ajruplan f'dak l-ajruport wara li jintalab li jitlaq minn fuqu minn operatur ta' ajruplan jew minn persuna li taġixxi f'ismu.

(2) Kull min jikser is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Ostruzzjoni ta' persuni awtorizzati.

19. (1) Ikun ħati ta' reat kull min:

(a) xjentement jostruwixxi uffiċjal awtorizzat li jkun qed iwettaq xi setgħa mogħtija lilu bi jew taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att, jew

(b) jagħmilha ta' persuna awtorizzata.

(2) Min jinsab ħati ta' reat taħt il-paragrafu (a) tas-

subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn Lm1,500 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Min jinsab ħati ta' reat taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru.

20. (1) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jipprovdi, għall-għanijiet li għalihom tapplika din it-Taqsima ta' l-Att, dwar persuni (f'dan l-artikolu msejħa "aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru") li joperaw fil-kummerċ ta' maniġġ ta' tagħbija li jkollha tiġi kunsinnata (sew minnhom jew minn persuni oħra) lill-operatur ta' ajruplan sabiex din tinġarr minn ajruport li jinsab Malta permezz ta' ajruplan.

(2) Regolamenti li jsiru bis-saħħa ta' dan l-artikolu jistgħu, b'mod partikolari:

(a) jagħtu setgħa lill-Ministru li jżomm lista ta' aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru li jiġu approvati minnu għal għanijiet li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-avjazzjoni, li jinkludi l-isem ta' aġent ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru fuq dik il-lista, wara li ssir applikazzjoni lill-Ministru skond dawk ir-regolamenti, jekk huwa jkun sodisfatt dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti, u li jħassar l-isem ta' xi persuna minn fuq dik il-lista f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu hekk speċifikati,

(b) jipprovdu li għandha tapplika wkoll kull dispożizzjoni ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att li tkun tapplika dwar persuni li jkollhom permess li jidħlu ġewwa żona ristretta ta' ajruport għall-għanijiet ta' l-attivitajiet ta' xi ħidma (inkluża kull dispożizzjoni li toħloq reat kriminali), b'dawk il-bidliet li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti, dwar aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru li jkunu inklużi fuq dik il-lista,

(ċ) jipprovdi (ukoll b'kull provvediment kif hemm imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu) dwar xi klassi ta' aġenti ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru li jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti b-esklużjoni ta' aġenti oħra ta' tagħbija li tinġarr bl-ajru,

(d) jipprovdi b'mod differenti għal każijiet differenti, u

(e) jipprovdi b'dak il-mod inċidentali, supplimentari jew transitorju hekk kif il-Ministru iqis li jkun meħtieġ jew spedjenti b'konsegwenza ta' kull provvediment li jsir bir-regolamenti.

(3) F'dan l-artikolu:

"tagħbija" tinkludi ħażniet u posta; u

"ħażniet" tfisser oġġetti maħsuba għall-bejgħ jew għall-użu abbord ta' ajruplan, inklużi oġġetti li fuqhom ma jitħallasx dazju, *spare parts* u oġġetti oħra ta' tagħmir, sew jekk biex jitwaħħlu minnufih sew jekk le.

21. (1) Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jagħti ordni bil-miktub lill-operatur ta' xi ajruplan wieħed jew iktar minn ajruplan wieħed reġistrat jew li jitħaddem f'Malta, lill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport, jew lill-*manager* ta' ajruport li jinsab Malta fejn jitolbu: Setgħa li jsiru restrizzjonijiet fuq ajruplani.

(a) biex ma jġiegħelx jew jippermetti persuni jew propjeta' li jitilgħu jew jitgħabbew abbord ajruplan li dwaru toħroġ l-ordni, jew li jersqu jew jinġiebu viċin ta' dak l-ajruplan, kemm-il darba ma jkunux saru dawk it-tfittxijiet fuq il-persuni jew propjeta' li jkunu ġew speċifikati li jsiru fl-ordni mill-uffiċjali awtorizzati jew minn dawk il-persuni oħra li jiġu hekk speċifikati fl-ordni, jew

(b) biex ma jġiegħelx jew jippermetti ajruplan bħal dak itir kemm-il darba ma jkunux saru dawk it-tfittxijiet li jkunu ġew speċifikati li jsiru fl-ordni minn uffiċjali awtorizzati jew minn dawk il-persuni oħra hekk speċifikati.

(2) Bla ħsara għal dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, ordni li tingħata lill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jew lill-*manager* ta' ajruport taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tingħata b'mod li tkun tirreferi:

(a) jew għall-ajruplani kollha li fil-waqt li tingħata l-ordni jew f'kull waqt ieħor li jiġi wara jkunu f'xi parti ta' l-ajruport, jew għal klassi ta' dawk l-ajruplani li jiġu speċifikati fl-ordni;

(b) jew għall-persuni kollha jew inkella għal persuna waħda jew aktar, jew għal dawk il-persuni ta' liema deskrizzjoni jkunu hekk kif jiġu speċifikati fl-ordni; u

(ċ) jew għall-proprjetà ta' kull deskrizzjoni jew għal proprjetà partikolari biss, jew għal proprjetà ta' liema deskrizzjoni tkun hekk kif tiġi speċifikata fl-ordni.

(3) Kull min jirrifjuta jew jonqos milli jħares ordni li tingħatalu taħt dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Setgħa li *managers* f'ajruporti jenħtieġu jagħmlu tfittxijiet f'ajruporti.

22. (1) Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jordna bil-miktub lill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jew lill-*manager* ta' xi ajruport li jinsab Malta u jeħtieġ minnu li jiżgura li dawk it-tfittxijiet li għalihom japplika dan l-artikolu kif ikun hemm speċifikati fl-ordni jitwettqu minn persuni oħra hekk deskritti kif jistgħu jiġu speċifikati fl-ordni.

(2) It-tfittxijiet li għalihom japplika dan l-artikolu, dwar ajruport, huma tfittxijiet:

(a) ta' ajruport jew ta' xi parti minnu;

(b) ta' xi ajruplan li fil-waqt li tingħata ordni jew f'xi ħin ieħor li jiġi wara ikun f'xi parti ta' l-ajruport; u

(ċ) ta' persuni jew ta' propjeta' (minbarra ajruplan) li tista' f'xi waqt bħal dak tkun tinsab f'xi parti ta' l-ajruport.

(3) Meta ordni mogħtija bis-saħħa ta' dan l-artikolu lill-*manager* ta' ajruport tkun għadha fis-seħħ, jekk membru tal-Forzi Armati ta' Malta jew tal-Korp tal-Pulizija, jew persuna oħra li tiġi hekk speċifikata fl-ordni skond dan l-artikolu, ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta li oġġett li għalih japplika l-artikolu 28 ta' dan l-Att ikun qiegħed, jew jista' jiddaħħal, f'xi parti ta' l-ajruport, huwa jista', bis-saħħa ta' dan is-subartikolu u mingħajr ebda *warrant*, jagħmel tfittxija f'xi parti tal-ajruport jew ta' xi ajruplan, vettura, oġġetti jew proprjetà mobbli oħra tkun liema tkun, jew ta' kull persuna, li f'dak il-ħin ikunu jinsabu f'xi parti ta' l-ajruport, u għal dak l-għan:

(a) jidħol f'kull bini jew xogħlijiet fl-ajruport, jew jidħol f'kull medda art fl-ajruport, jekk jeħtieġ bi żgass, u

(b) jwaqqaf kull ajruplan, vettura, oġġetti, proprjetà jew persuna u jżommhom għal tul dak il-ħin kollu kemm jista' jkun meħtieġ għal dak l-għan.

(4) Kull min:

(a) jirrifjuta jew jonqos milli jħares ordni mogħtija lilu taħt dan l-artikolu, jew

(b) xjentement jostakola jew jimpedixxi lil xi persuna filwaqt li tkun qegħda twettaq xi setgħa mogħtija lilha bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

23. (1) Kull min jiġi hekk awtorizzat bil-miktub mill-Ministru (f'dan l-artikolu msejjaħ "uffiċjal awtorizzat") ikollu s-setgħa, wara li jipproduċi l-kredenzjali tiegħu (jekk ikun meħtieġ), li jispezzjona: Spezzjon ta' ajruplani u ajruporti.

(a) ajruplan reġistrat jew li jitħaddem f'Malta fil-waqt li dan ikun jinsab Malta, jew

(b) xi parti minn ajruport li jinsab Malta.

(2) Uffiċjal awtorizzat li jkun qiegħed jispezzjona xi ajruplan jew xi parti minn ajruport taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkullu s-setgħa:

(a) li jqiegħed xi proprjetà li tinstab minnu fl-ajruplan (iżda mhux l-ajruplan kollu kemm hu jew xi apparat jew tagħmir li jkun stallat fih) jew, skond il-każ, li jqiegħed dik il-parti ta' l-ajruport jew xi proprjetà li huwa jsib fuqu, għal dawk l-eżamijiet, jew

(b) li jeħtieġ lill-operatur ta' l-ajruplan, jew lill-*manager* ta' l-ajruport, li jagħtih dik l-informazzjoni,

li l-uffiċjal awtorizzat jista' jqis li jkunu meħtieġa għal dak l-għan li għalih issir l-ispezzjoni.

(3) Bla ħsara għas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, uffiċjal awtorizzat, bil-għan li jwettaq xi setgħa mogħtija lilu bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu dwar ajruplan jew dwar ajruport, ikollu s-setgħa:

(a) bil-għan li jispezzjona ajruplan, li jidħol ġo fih u li jieħu dawk il-passi kollha li jkunu meħtieġa biex iżommu milli jitlaq, jew

(b) bil-għan li jispezzjona xi parti ta' ajruport, li jidħol ġo kull bini jew xogħolijiet fl-ajruport jew li jidħol f'xi medda art li tkun fl-ajruport.

(4) Is-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu m'għandhomx jinkludu s-setgħa li uffiċjal awtorizzat jista' juża l-forza biex jidħol ġo xi ajruplan, bini jew xogħolijiet jew biex jidħol f'xi medda art.

(5) Kull min:

(a) xjentement jostakola jew jimpedixxi lil xi persuna milli taġixxi fit-twettiq ta' xi setgħa mogħtija lilu b'dan l-artikolu jew taħtu, jew

(b) jirrifjuta jew, mingħajr skuża raġonevoli, jonqos milli jħares xi ħtieġa li tiġi imposta fuqu taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew

(ċ) fil-għoti ta' kull informazzjoni li tkun hekk meħtieġa, jagħmel dikjarazzjoni li jkun jaf li tkun waħda sostanzjalment falza, jew bi traskuraġni jagħmel dikjarazzjoni li tkun sostanzjalment falza,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kif japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet II u III għal stallazzjonijiet ta' navigazzjoni fl-ajru.

24. (1) L-artikoli 4, 22 u 23 ta' dan l-Att għandhom iseħħu dwar stallazzjonijiet ta' navigazzjoni fl-ajru li jinsabu Malta skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu.

(2) Dwar kull stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru li ma tkunx tagħmel parti minn ajruport, dawk l-artikoli għandu jkollhom seħħ, bla ħsara għas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, bħallikieku kull referenza fihom għal xi ajruport kienet referenza għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru bħal dik u kull referenza għall-*manager* ta' ajruport kienet referenza għall-awtorità responsabbli għal dik l-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru.

(3) Meta stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru tkun tagħmel parti minn ajruport li jinsab Malta, dawk l-artikoli għandu jkollhom seħħ, bla ħsara għas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, bħallikieku fihom kull referenza għal ajruport kienet referenza jew·

(a) għal ajruport, jew

(b) għal stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru li tagħmel parti minn ajruport, jew

(ċ) għal daqstant minn ajruport daqs kemm ma jkunx jikkonsisti fi stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru;

u skond hekk avviż taħt l-artikolu 4 ta' dan l-Att jew ordni taħt l-artikolu 22 jew 23 ta' dan l-Att jista' jiġi notifikat jew mogħti sew dwar ajruport kollu kemm hu, sew dwar daqstant mill-ajruport daqs kemm ma jkunx jikkonsisti fi stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru.

(4) Għall-għanijiet tan-notifika ta' avviż jew l-għoti ta' xi ordni taħt l-artikolu 4 jew 22 ta' dan l-Att kif modifikat bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, meta l-avviż ikollu jiġi notifikat jew l-ordni tingħata dwar stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru b'mod separat, kull referenza f'xi wieħed minn dawk l-artikoli għall-*manager* ta' l-ajruport għandha tinftiehem bħala referenza għall kull min jew ikun il-*manager* ta' l-ajruport jew l-awtorità responsabbli għall-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru.

(5) Is-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu m'għandhomx ikunu japplikaw għas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att; iżda meta ordni mogħtija taħt l-artikolu 22 ta' dan l-Att, kif applikat jew modifikat bid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, tkun qegħda f'dak il-waqt isseħħ:

(a) jekk din tkun ordni mogħtija dwar stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru b'mod separat (sew jekk dik l-istallazzjoni tkun tagħmel parti minn ajruport sew jekk le), dak l-artikolu 22 għandu jkollu seħħ dwar dik l-ordni bħallikieku l-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru kienet ajruport, u jekk l-ordni tkun ingħatat lill-awtorità responsabbli għall-istallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, bħallikieku din ingħatat lill-*manager* ta' dak l-ajruport;

(b) jekk din tkun ordni mogħtija dwar daqstant minn ajruport daqs kemm ma jkunx jikkonsisti fi stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru, dak is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 22 għandu jkollu seħħ dwar dik l-ordni bħallikieku xi stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru inkluża fl-ajruport ma kienetx tagħmel parti mill-ajruport.

TAQSIMA IV

REATI KONTRA S-SIGURTÀ TA' AJRUPLANI, EĊĊ.

25. (1) Huwa reat li persuna mingħajr awtorità leġittima jew skuża raġonevoli (il-prova dwar dan trid tinġieb minnha) li jkollha fil-pussess tagħha xi oġġett li għalih japplika dan l-artikolu: Reati dwar ċerti oġġetti perikolużi.

(a) fuq xi ajruplan reġistrat f'Malta, sew meta l-ajruplan ikun ġewwa Malta sew le, jew

(b) fuq xi ajruplan ieħor meta dan ikun ġewwa Malta jew ikun qed itir fuq Malta, jew

(ċ) f'xi parti ta' ajruport f'Malta, jew

(d) f'xi stallazzjoni ta' navigazzjoni fl-ajru f'Malta li ma tagħmilx parti minn ajruport.

(2) Dan l-artikolu japplika għal dawn l-oġġetti, jiġifieri:

(a) kull arma tan-nar, jew kull oġġett li jkollu x-xeħta ta' arma tan-nar, sew jekk din tkun tista' tiġi sparata sew jekk le;

(b) kull esploživ, kull oġġett manifatturat jew adattat (sew fl-għamla ta' xi bomba, granata jew xort'oħra) b'mod li jkollha x-xeħta ta' esploživ, sew jekk dan ikun jista' jipproduċi effett prattiku bi splużjoni sew jekk le, jew kull oġġett li jkollu marka jew tikketta li tindika li jkun, jew li jkun fih, esploživ; u

(ċ) kull oġġett (li mhuwiex inkluż f'xi wieħed mill-paragrafi ta' qabel) li jkun magħmul jew adattat bil-għan li jintuża biex jikkaġuna ħsara jew inkapaċità fil-persuna jew biex jeqred jew jagħmel ħsara fil-proprjetà, jew li jkun maħsub minn min ikollu l-pussess tiegħu biex jużah għal dak l-għan, sew jekk jużah għal dak l-għan, sew jekk jużah hu nnifsu jew persuna oħra.

(3) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu meta persuna tkun qegħda fuq xi ajruplan, jew f'parti minn ajruport, din għandha titqies bħala li għandha fil-pussess tagħha fuq xi ajruplan, jew f'dik il-parti ta' ajruport, skond il-każ, oġġett li għalih japplika dan l-artikolu jekk:

(a) meta tkun fuq xi ajruplan, l-oġġett, jew oġġett li fih l-oġġett, ikun jinsab, ikun fuq l-ajruplan u jkun tqiegħed hemmhekk (sew minnha sew minn xi persuna oħra) bħala l-valiġġa tagħha, jew bħala li jagħmel parti mill-valiġġa tagħha, f'titjira fuq dak l-ajruplan jew li jkun tqiegħed hemmhekk bħala xi proprjetà oħra, jew bħala li jagħmel parti minn xi proprjetà oħra, li għandha tinġarr fuq dik it-titjira; jew

(b) meta tkun f'xi parti ta' ajruport (minbarra meta tkun fuq ajruplan), l-oġġett, jew oġġett li fih l-oġġett ikun jinsab, ikun f'dik il-parti jew f'xi parti ta' l-ajruport u jkun iddaħħal fl-ajruport (sew minnha sew minn xi persuna oħra) bħala l-valiġġa tagħha, jew bħala li jagħmel parti mill-valiġġa tagħha, f'titjira minn dak l-ajruport jew xort'oħra jew li jkun iddaħħal

hemmhekk bħala xi proprjetà oħra, jew bħala li jagħmel parti minn xi proprjetà oħra, li għandha tinġarr fuq dik it-titjira li fuqha għandha tinġarr dik il-persuna nnifisha jew xort'oħra,

minkejja li ċ-ċirkostanzi jistgħu ikunu tali li (minbarra dan is-subartikolu) dik il-persuna ma titqiesx bħala li għandha fil-pussess tagħha dak l-oġġett fuq ajruplan jew f'parti minn ajruport, skond il-każ.

(4) Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn Lm2,000 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, ħlief meta r-reat isir kontra d-dispożizzjoni li tinsab f'paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu f'liema każ il-persuna li tinstab hekk ħatja tista' teħel il-pieni preskritti f'artikolu 313 tal-Kodiċi Kriminali.

(5) Ebda ħaġa li tinsab fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu m'għandha tinftihem bħala li tagħmel limitu għaċ-ċirkonstanzi li fihom persuna titqies, minbarra għal dak is-subartikolu, bħala li għandha fil-pussess tagħha oġġett bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Setgħat li jitħaddmu meta jkun hemm suspett ta' ħsieb ta' reat taħt it-Taqsima IV.

26. (1) Meta l-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport ikollu kawża raġonevoli biex jissuspetta li persuna li tkun se timbarka fuq ajruplan f'Malta, jew li persuna abbord ajruplan f'Malta, ikollha ħsieb li tagħmel reati, fir-rigward ta' dak l-ajruplan, taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, l-imsemmi *Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport jista' jipprobixxi lil dik il-persuna milli tivvjaġġa fuq dak l-ajruplan, u bil-għan li jġib fis-seħħ dik il-projbizzjoni l-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport:

(a) jista' ma jħallihiex timbarka fuq l-ajruplan jew, skond il-każ, jista' jniżżilha minn fuq l-ajruplan; u

(b) jista' jarrestaha mingħajr ebda *warrant* u jżommha għal daqstant żmien daqskemm ikun meħtieġ għal dak l-għan.

(2) Kull min xjentement jostruwixxi jew iwaqqaf lil min ikun qed iwettaq xi setgħa mogħtija lilu bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn Lm1,500 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Prosekuzzjoni ta' reati u proċedimenti.

27. Proċedimenti dwar reat li jsir taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima m'għandhomx jinbdew f'Malta, ħlief bil-kunsens ta' l-Avukat Generali.

TAQSIMA V

SORVELJAR TA' AJRUPORTI

Ajruporti msemmija.

28. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jsemmi ajruport li jkun użat għall-għanijiet ta' l-avjazzjoni ċivili għall-għanijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att jekk huwa jqis li s-sorveljar ta' dak l-ajruport għandu jkun f'idejn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jew il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta taħt id-direzzjoni u l-Kontroll tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta rispettivament fl-interess taż-żamma ta' l-ordni u t-tħaris mill-kriminalità.

(2) Qabel ma tinħareġ ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar xi ajruport, il-Ministru għandu jikkonsulta lill-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili, lill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport u lill-membri tal-Kumitat għas-Sigurtà fl-Ajruport.

(3) Is-setgħa li ssir ordni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha titwettaq permezz ta' Avviż Legali:

Iżda ordni li ma jkunx ingħatalha l-kunsens mill-awtoritajiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tinġieb quddiem il-Parlament fl-għamla ta' abbozz u ma tkunx tista' ssir ħlief biss sakemm dak l-abbozz jiġi hekk approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ħarsien kontra s-serq f'ajruporti msemmija.

29. (1) Kull uffiċjal awtorizzat jista', f'ajruport li jkun ajruport imsemmi:

(a) iwaqqaf, u mingħajr *warrant* iffittex, impjegat fl-ajruport sabiex jaċċerta li dak l-impjegat ma jkollux fil-pussess tiegħu jew li ma jkunx qed iġorr b'kull mod li jkun xi oġġett misruq jew miksub kontra l-liġi fl-ajruport; u

(b) sabiex jaċċerta li kwalunkwe oġġett misruq jew miksub kontra l-liġi fl-ajruport ma jkunx jinsab ġewwa jew fuq xi vettura li tkun qegħda ġewwa, jew tinsab ħierġa minn, l-ajruport jew ġewwa jew fuq xi ajruplan, iwaqqaf u mingħajr *warrant* ifittex u jżomm il-vettura jew, skond il-każ, jitla' fuq l-ajruplan u mingħajr *warrant* jagħmel tfittxija fih.

(2) Uffiċjal awtorizzat jista':

(a) jwaqqaf lil kull min ikun ħiereġ minn ġo żona fejn tinżamm it-tagħbija f'ajruport li jkun ajruport imsemmi u jispezzjona kull oġġett li jkun qiegħed jinġarr minn jew fuqu;

(b) jwaqqaf u jfittex kull vettura jew ajruplan li jkun ħiereġ minn dik iż-żona u jispezzjona dik il-vettura jew ajruplan kif wkoll kull oġġett li jkun qed jinġarr fuqhom jew fihom; u

(ċ) jżomm f'dik iż-żona:

(i) kull oġġett bħal dawk imsemmija qabel li ma jiġix prodott dokument dwarhom li jkun jawtorizza t-tneħħija tagħhom minn dik iż-żona li jkun iffirmat minn persuna awtorizzata għal daqstant mill-operatur ta' l-ajruplan; u

(ii) kull vettura jew ajruplan bħal dawk imsemmija qabel sakemm ikun hemm fuqhom jew fihom oġġetti bla dokumenti skond dan il-paragrafu.

(3) F'żona fejn tinżamm it-tagħbija f'ajruport li jkun ajruport imsemmi, is-setgħat ta' uffiċjal awtorizzat taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha tkun:

(a) testendi għal kull vettura sew jekk fiha jkun qed jinġarr impjegat ta' l-ajruport sew jekk le; u

(b) tinkludi s-setgħa, mhux biss ta' tlugħ fuq ajruplan u tfittxija ġo fih, iżda wkoll ta' twaqqif u tiżmim tiegħu.

(4) F'dan l-artikolu "impjegat ta' l-ajruport", dwar kull ajruport, tfisser kull min ikollu impieg mal-*manager* ta' l-ajruport u kull min ikun impjegat minn ħaddieħor li ma jkunx il-*manager* biex jaħdem fl-ajruport.

(5) F'dan l-artikolu "żona fejn tinżamm it-tagħbija" tfisser żona li skond il-Ministru tkun tintuża għal kollox jew li tkun prinċipalment maħsuba li tintuża għall-ħażna u l-maniġġ ta' tagħbija f'ajruport u li tiġi hekk imsemmija f'ordni li huwa jagħmel għall-għanijiet ta' dan l-artikolu.

Emenda ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, Kap. 232, eċċ.

30. (1) Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili, il-kliem "għad-dħul f'ajruporti u f'postijiet fejn ikunu niżlu l-inġenji ta' l-ajru," għandhom jitħassru.

A.L. 109 ta' l-1988.

(2) Ir-Regolamenti ta' l-1988 dwar Dħul ġewwa Żoni Ristretti, qegħdin b'dan jiġu mħassra, b'dan illi kull *security pass* maħruġ bis-saħħa tagħhom għandu jibqa' validu sa dak iż-żmien meta l-Ministru responsabbli għas-sigurtà fl-avjazzjoni jista' b'ordni jippreskrivi, jew sa dak iż-żmien meta dawk is-*security passes* jiġu irtirati mill-*Manager* tas-Sigurtà fl-Ajruport, skond liema jiġi l-ewwel fiż-żmien.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 242 tal-15 ta' Lulju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati